**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 21 ta' Ottubru 2015**

Numru 5

**Rikors Nru. 5/2014**

**Raymond Farrugia u martu Patricia Farrugia u binhom Kristian Farrugia**

**vs**

**L-Avukat Generali u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2014 gew kjamati fil-kawza Dr. Tony De Gaetano u l-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti tal-21 ta' Jannar 2014 li jghid hekk:

1. IIli dan ir-rikors qed isir ukoll ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 jigifieri dan hu rikors principalment ta' natura tad-dritt fundamentali;

2. Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' dar li tinsab fi Triq F. Castagna, il-Gudja. L-istess dar kienet akkwistata sabiex isservi bhala r-residenza principali tal-istess esponenti - vide kuntratt ta' akkwist datat 06/07/1996 anness u mmarkat Dok. A1;

3. Illi f'Dicembru 1997 l-esponenti applikaw mal-Awtorita ta l-Ippjanar sabiex jottjenu permess biex iwettqu xi xogholijiet interni u esterni fir-residenza taghhom;

4. L-istess permess inhareg f'April 1998 u konsegwentament l-esponenti bdew ix-xoghol fuq ir-residenza taghhom f'Lulju tal-istess sena;

5. Gara illi fis-sena 2000 sentejn wara li bdew ix-xogholjiet il-girien tal-esponenti, Dr Anthony De Gaetano u martu allegaw li l-permess li inhareg mill-Awtorita tal-Ippjanar ma kienx skond il-ligi u li x-xogholijiet li bdew l-esponenti ma kienux koperti mill-permess;

6. Illi l-Awtorita tal-Ippjanar iddecidiet li xi tibdil zghir li kellu jsir wara l-hrug tal-applikazzjoni nru. 1112/1998 tal-esponenti kien hemm bzonn jigi ssanzjonat. Ir-rikorrenti uzaw il-procedura taht P.A. Circular 2/98 biex jissanzjonaw dan it-tibdil bl-skop li x-xogholijiet tal-esponenti fuq id-dar taghhom b'hekk setghu jipprocedu;

7. Meta l-girien tal-esponenti saru jafu li kienet dahlet l-applikazzjoni taht l-imsemmija PA circular huma fethu kawza bic-citazzjoni bin-numru 2219/00 pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita' tal-Ippjanar' fejn allegaw, inter alia, illi l-proceduri addottati mill-Awtorita konvenuta fir-rigward tal-modifikazzjonijiet ghall-applikazzjoni tal-esponenti kienu irriti, nulli u abbusivi;

8. Barra minn hekk l-istess girien tal-applikanti (L-Av. Tony de Gaetano u martu) talbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Nru. 3365/00) kontra l-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jinibixxu l-istess Awtorita milli tohrog il-permess lill-esponenti. Dan il-mandat, fin nuqqas ta' risposta mill-Awtorita intimata, gie akkordat fis-26 ta' Settembru 2000. L-esponenti ma kienux notifikati bil-mandat ghalkemm dan kien jikkoncernahom b'mod dirett;

9. L-esponenti gew kjamati fl-imsemmija kawza biex jirrispondu ghall-allegazzjonijiet maghmulin fil-konfront taghhom u ghat-talbiet tal-atturi fl-20 ta' Marzu 2002 u cioe sentejn wara li l-kawza bdiet;

10. Illi minhabba li r-residenza tal-esponenti baqghet fi stat mhux abittabli (minghajr sigurta u minghajr komodita bazika) fit-tul, eventwalment il-familja Farrugia kienet kostretta tabbanduna r-residenza taghha fil-Gudja u tmur tabita go appartament zghir li kien ferm anqas komodu u spazzjuz mid-dar li l-istess familja esponenti akkwistat bhala residenza taghha u f'liema dar l-istess familja investiet hafna mir-rizorsi gja ezistenti taghha, kemm personali kif ukoll finanzjarji;

11. Fl-24 ta' Ottubru 2006, il-kawza li fethu l-konjugi De Gaetano kontra il-MEPA thalliet ghas-sentenza u seba' snin wara, l-istess Qorti ghada m'ghaddietx ghal-ghotja tas-sentenza (vide kopja tal-verbal anness u mmarkat Dok. A2);

12. Illi l-esponenti gew kjamati fl-imsemmija proceduri - li kienu jikkoncernawhom intimament - ferm tardivament u cioe sentejn wara li l-istess proceduri bdew. Dan il-fatt -fil-fehma tal-esponenti- illeda d-dritt tal-istess esponenti ghal-proceduri avversali -element essenzjali tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

13. Illi t-trapass ta' almenu seba' snin sabiex tinghata sentenza dwar l-idonjeta o meno ta' procedura addotta minn Awtorita dwar permess hu -fil-fehma tal-esponenti- wiehed eccessiv u ghalhekk illeda d-dritt tal-istess esponenti ghal-smigh xieraq fi zmien ragonevoli -element essenzjali tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

14. Illi d-dewmien sabiex il-proceduri jigu decizi mill-Qorti kompetenti illeda d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta tal-esponenti kif sancit mill-artikolu 1 tal-Protokol nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

15. Illi d-dewmien sabiex il-proceduri jigu konkluzi affettwa b'mod negattiv ferm il-hajja privata u familjari tal-esponenti u dan bi ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

16. Illi Kristian Farrugia bhala membru intimu tal-familja Farrugia jissodisfa l-kriterji sabiex ikollu locus standi ta' vittma, u dan skond artikolu tlieta u erbghin (34) tal-Konvenzjoni dwar id- Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ligi nostrana tramite Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

17. Illi qed jigu annessi, ghal finijiet ta' din il-procedura, l-affidavits tal-esponenti Patricia Farrugia u Kristian Farrugia (mmarkati Dok. A3 u Dok. A4);

GHALDAQSTANT in vista tal-fatti u ghar-raguni fuq premessi, u ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw matul il-procedura odjerna, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fil-konfront individwali ta' kull wiehed mir-rikorrenti:

1. Tiddikjara illi l-fatt li l-esponenti gew kjamati fl-kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs. L-Awtorita tal-Ippjanar' sentejn wara li l-istess proceduri bdew, ivvjola d-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem f'dak li jikkoncerna l-principju tal-avversalita;

2. Tiddikjara illi it-trapass ta' almenu seba' snin sabiex tinghata sentenza fil-kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar' ivvjola d-dritt tal-istess esponenti ghal-smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tiddikjara illi d-dewmien sabiex il-proceduri fil-kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs. L-Awtorita tal-Ippjanar' jigu decizi mill-istess Qorti ivvjola d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta tal-esponenti kif garantit mill-artikolu 1 tal-Protokol nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Tiddikjara illi d-dewmien sabiex il-proceduri fl-kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs. L-Awtorita tal-Ippjanar' jigu konkluzi ivvjola d-dritt ghall-hajja privata u familjari tal-esponenti kif garantit taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

5. Takkorda, fejn hu possibli, rimedju individwali ghal kull dikjarazzjoni ta' infringement sabiex tirritorna l-esponenti fi stat ante quo tali infringiment;

6. F'kwalunkwe kaz tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mil-liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-Avukati Generali li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponent huwa tal-umli fehma li ghandhom jigu kjamati in kawza l-Avukat Dr. Tony de Gaetano u l-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li huma l-attur u l-konvenuta fil-kawzi fl-ismijiet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar' (2219/00LSO) mertu tal-proceduri odjerni;

2. Illi minghajr pregudizzju. fit-tieni lok u in linea preliminari, ir-rikorrent Kristian Farrugia m'ghandu l-ebda locus standi fil-proceduri odjerni in kwantu la huwa jew kien parti fil-procedori fl-ismijiet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar'(2219/00LSO) mertu tal-proceduri odjerni u lanqas ma jirrizulta li huwa jippossjedi l-fond in kwistjoni 'Qalb ta' Gesu' fi Triq Filippu Castagna, il-Gudja. Mingnajr pregudizzju ghal dan u b'referenza ghall-paragrafu 16 tar-rikors promoter, l-esponent izid ukoll li l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma japplikax fic-cirkostcnzi odjerni in kwantu l-imsemmi artikolu jirreferi biss ghall-procedurl quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. F'kull kaz u dejjem rninghajr pregudizzju, dan l-artikolu tal-Konvenzjoni ma jaghti l-ebda 'locus standi ta' vittma' lil Kristian Farrugia kif allegat fir-rikors promotur;

3. IIIIi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

4. Illi l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal-smigh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali b'referenza ghall-fatt li r-rikorrenti gew kjamati in kawza 'sentejn wara li l-istess proceduri bdew' hija manifestament infondata. L-imsemmija artikoli jirreferu ghad-drittijiet tal-partijiet fil-kawza ghal smigh indipendenti, imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn qorti jew awtorita ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili. Huwa f'idejn l-attur jiddetermina kontra min jittah il-kawza u l-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ma jimponu l-ebda obbligu fuq il-Qrati li jikkjamaw in kawza terzi kif qed jallegaw ir-rikorrenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-proceduri 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar' ir-rikorrenti odjerni konjugi Farrugia, kjamati in kawza fl-imsemmija procedure, ipprezentaw risposta skond il-ligi u inghataw kull opportunita jressqu l-provi u ghamlu l-kontroezamijiet kif ukoll jaghmlu s-sottomissjonijet toghhom b'dan illi kull allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-

dritt ghal smigh xieraq 'f'dak li jikkoncerna l-principju tal-avversalita' huwa ghal kollox infondat;

6. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-esponent jerga' jtenni li Kristian Farrugia mhuwiex parti fl-imsemmija proceduri fl-ismijiet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar' (2219/00LSO) b'dan illi fl-ebda kaz ma tista' tinsab l-allegata vjolazzjoni fil-konfront tieghu;

7. Ilii dwar l-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli b'referenza ghat-'trapass ta' almenu seba' snin sabiex tinghata sentenza', din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghet taghha in kwantu r-rikorrenti kellhom mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat skont il-ligi procedurali civili, senjatament l-artikolu 195 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civli liema rimedju;

8. Illi minghajr pregudizzju ghal dan u fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati. Huwa pacifiku skont il-gurisprudenza assodata, kemm dik nostrali kif ukoll dik Ewropea, id-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita tal-proceduri kollha u ma jistax ikun ezaminat biss elementi jew parti wahda minn din il-procedura. Hu ukoll accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha. In ogni coso u dejjem rninghajr pregudizzju sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantagga lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet toghhom skond il-ligi. Effettivament u in vista tas-suespost, fil-proceduri surriferiti ma kien hemm l-ebda dewmien irragonevoli kif allegat mir-rikorrenti b'dan illi ma hemm l-ebda allegata vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli;

9. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-esponent jerga' jtenni li Kristian Farrugia mhuwiex parti fl-imsemmija proceduri fl-ismijiet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar' (2219/00LSO) b'dan illi fl-ebda kaz ma tista' tinsab l-allegata vjolazzjoni fil-konfront tieghu;

10. Illi mhuwiex minnu illi l-allegat dewmien sabiex il-proceduri fil-kawza surriferita jigu decizi 'ivvjola d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta' tar-rikorrenti kif allegat minnhom. Sabiex jinsab ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea irid jigi stabbilit li kien hemm xi interferenza mill-Istat fid-dgawdija pacifika tal-possedimenti tar-rikorrenti. Effettivament. dato ma non concesso li jissussisti l-allegat dewmien fil-proceduri 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar', dan ma jammonta ghall-ebda interferenza mill-Istat fil-godiment tal-pussess pacifiku tal-proprjeta tar-rikorrenti b'dan illi kull allegazzjoni f'dan is-sens hija infondata u insostenibbli;

11. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-imsemmija proceduri 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar' ghadhom pendenti b'dan illi din l-allegazzjoni hija f' kull kaz intempestiva;

12. Illi dejjem minghajr pregudizzju. l-esponent jerga' jtenni li Kristian Farrugia mhuwiex parti fl-imsemmija proceduri fl-ismijiet 'L-Avukat Tony de Gaetano et

vs L-Awtorita tal-Ippjanar' (2219/00LSO) u lanqas ma jirrizulta li jrrizulta li huwa jippossjedi l-fond in kwistjoni 'Qalb ta' Gesu' fi Triq Filippu Castagna, il-Gudja b'dan illi fl-ebda kaz ma tista' tinsab l-allegata vjolazzjoni fil-konfront tieghu;

13. Illi l-allegazzjoni li 'd-dewmien sabiex il-proceduri fil-kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar jigu konkluzi ivvjola d-dritt ghall-hajja privata u familjari' tar-rikorrenti, hija ukoll ghal kollox infondata u insostenibbli. Dato ma non concesso li jissussisti l-allegat dewmien fil-proceduri 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-Ippjanar', dan ma jammonta ghall-ebda interferenza minn awtorita pubblika dwar l-ezercizzju tad-dritt tal-hajja privata u/jew familjari tar-rikorrenti b'dan illi kull allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghanda tigi michuda;

14. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-esponent jerga jtenni li Kristian Farrugia mhuwiex parti fl-imsemmija proceduri fl-ismijiet 'L-Avukat Tony de Gaetano et vs L-Awtorita tal-lppjanar' (2219/00LSO) b'dan illi fl-ebda kaz ma tista' tinsab l-allegata vjolazzjoni fil-konfront tieghu;

15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li kien hemm xi vjolazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali kif allegat mir-rikorrenti ma hemm lok ghall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub minnhom;

Salv eccezzjoniiiet ulterjuri.

Gnaldaqstant l-esponent, bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li tghid hekk:

1. Preliminarjament, jigi rilevat li l-kawza li minnha r-rikorrenti qed jilmentaw giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-mori ta' din il-kawza.

2. Preliminarjament ukoll, il-procedura adottata mir-rikorrenti hi monka, ghaliex dak illi kellu jsir kien illi jigi intavolat rikors quddiem il-Qorti li kellha quddiemha l-kawza civili, u jintalab li dik il-Qorti bhala l-Prim'Awla, tikkonverti ruhha sabiex tinvestiga l-ilment ta' natura kostituzzjonali - u mhux li tigi ntavolata kawza separata. Dan kien ukoll rimedju ordinarju u effettiv li ghandu jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-funzjonijiet taghha.

3. IIi bla hsara ghall-premess, certament li l-Awtorita esponenti m'ghandha l-ebda htija li l-kawza gja pendenti quddiem il-Prim'Awla damet tigi differita ghas-sentenza ghal numru ta' snin.

4. Lanqas ma tista l-Awtorita esponenti tinstab responsabbli ghall-lanjanza ta' allegat nuqqas ta' smigh xieraq ghax ir-rikorrenti kienu gew kjamati fil-kawza tardivament, skont huma. L-ewwelnett, il-Qorti ghandha s-setgha li ex officio tikkjama fil-kawza lil kull persuna li hi thoss li ghandha interess, u ghal dan jew in-nuqqas ta' dan, ma twegibx l-Awtorlta. It-tieni, l-Awtorlta ma kellha l-ebda obbligu li tikkjama lir-rikorrenti fil-kawza l-ohra. Konvenut f’kawza ma ghandu l-ebda obbligu li jippriserva l-jedd ta' smigh xieraq ta' terzi li m'humiex parti fil-

kawza, u hu ghalhekk il-Qorti ghandha din is-setgha li tordna l-kjamat fil-kawza ex officio. It-tielet, l-Awtorita kienet parti f'dik il-kawza u ma kinitx Qorti u lanqas awtorita gudikanti mwaqqfa b'ligi fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll lanqas kienet meqjusa bhala tribunal ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Imma f'kull kaz, jirrizulta li l-Awtorita, fir-risposta taghha, sostniet li kien ikun opportun li ssir il-kjamata fil-kawza tar-rikorrenti fil-kaz odjern (fl-ewwel eccezzjoni taghha), kif fil-fatt sar, u l-konjugi Farrugia gew effettivament kjamati fil-kawza, u sa dakinhar li gew kjamati, ma nstemghu l-ebda provi.

Illi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti in kwantu jolqtu lill-Awtorita ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta ta' Dr. Tony De Gaetano

1. Illi preliminarjament Kristian Farrugia m'ghandux locus standi f'dawn il-proceduri billi huwa qatt ma kien parti fil-proceduri tal-kawza 2219/00LSO (kopja hawn annessa mmarkata dok. TD1- 2219/2000/1) u l-fond mertu tal-istess proceduri li fuqu titratta wkoll din il-kawza kostituzzjonali, dejjem kien proprjeta ta' Raymond u Patricia Farrugia. Il-pretensjoni li Kristian Farrugia jikkwalifika bhala "vittma iehor" a bazi tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hi legalment skorretta billi dan l-artikolu jirreferi biss ghal proceduri quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u lanqas ma jaghmel xi ness bejn partijiet u l-membri tal-familja taghhom.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent Avukat Tony De Gaetano mhuwiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, billi huwa mhuwiex legalment responsabbli ghall-ilmenti tar-rikorrenti billi: (i) ma kellux kontroll fuq il-mument meta r-rikorrenti gew kjamati fil-kawza (l-ewwel talba tar-rikorrenti); (ii) lanqas ma kellu kontroll fuq iz-zmien li ghadda biex tinghata s-sentenza (it-tieni talba tar-rikorrenti); u (iii) kull allegazzjoni jew pretensjoni minhabba dan id-dewmien (it-tielet, ir-raba u l-hames talbiet tar-rikorrenti, u konnessa wkoll is-sitt talba tar-rikorrenti) in kwantu diretta kontra l-esponent, hija infondata billi ma kellu ebda kontroll fuqhom u ghalhekk ma jistax jinzamm responsabbli ghal tali aggravji.

3. Illi preliminarjament ukoll, din il-Qorti ghandha minghajr pregudizzju ghas-suespost, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-art. dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319), peress illi r-rikorrenti kellhom mezzi xierqa ta' rimedju ghal-lanjanzi taghhom.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti u l-pretensjonijet taghhom huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet, li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal-xulxin.

5. Bhala fatt id-dewmien inizjali, kif jirrizulta mill-atti tal-kawza 2219/00LSO kien principalment tal-Awtorita konvenuta li talbet aktar zmien biex taghmel is-

sottomissjonijet u t-trattazzjoni dwar it-talba biex jigu ammessi l-kjamati in kawza. Iz-zmien kollu mill-ewwel seduta li nzammet fl-14 ta' Dicembru 2000 sad-digriet tal-20 ta' Marzu, 2002, kien principalment fuq l-ammissibilita o meno tal-kjamati in kawza u ma gie trattat xejn fuq il-meritu.

6. Ir-rikorrenti Raymond u Patricia Farrugia, gia kjamati fil-kawza 2219/00/LSO, inghatalhom l-inkartimenti kollha, ipprezentaw ir-risposta taghhom skond il-ligi u inghataw kull opportunita li jaghmlu l-kontroezamijiet kollha li xtaqu, jressqu l-provi kollha u jaghmlu s-sottomissjonijiet kollha li xtaqu. L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ta' xi vjolazzjoni ta' dritt ghal smigh xieraq f'dak li qed jigi allegat bhala ksur tal-principju tal-avversalita, huwa ghal kollox infondat u sahansitra vessatorju.

7. Illi dwar l-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, b'referenza ghat-trapass taz-zmien li l-kawza 2219/00LSO damet wara li thalliet ghad-decizjoni finali, l-istess rikorrenti naqsu li juzaw il-proceduri li kellhom taht l-artikolu 195 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali la darba l-istess rikorrenti naqsu li jinvokaw ir-rimedju moghti appositament fil-procedura. Dan ir-rimedju dahal fis-sehh u seta' jigi utilizzat fil-11 ta’ Novembru 2008 (LN 304/2008).

8. Bhala fatt kienu l-istess rikorrenti li ttentaw itawlu l-proceduri kemm quddiem l-Imhallef JR Micallef qabel mal-kawza thalliet ghas-sentenza u anke sahansitra fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2013, li kienet l-ewwel seduta quddiem l-Imhallef Schembri Orland, meta l-istess rikorrenti talbu differiment mhux milqugh u fil-frattemp fethu l-kawza kostituzzjonali ghad dewmien.

9. Illi f'kull kaz, kwalunkwe dewmien li kien hemm kien qed jizvantaggja lill-vittmi veri f'din l-istorja, cjoe l-esponent u l-mara tieghu li kienu kostretti jghixu fl-unika proprjeta taghhom parzjalment distrutta mir-rikorrenti Raymond u Patricia Farrugia, mhollija ghall-elementi, kontra l-ligijet sanitarji (kif deciz fil-kawza fl-ismijiet Dr. Tony De Gaetano et vs Raymond Farrugia et (2078/2000) datata 30 ta' Gunju, 2011 (kopja hawn annessa mmarkata dok. TD2).

10. Illi kif fil-fatt stabbiliet il-Qorti bl-ewwel decizjoni msemmija - 2219/00/LSO - l-illegalitajiet li kien hemm saru mill-Awtorita fil-konfront tal-esponent, li ma inghatalux dritt ta' smigh xieraq mill-istess Awtorita b'kolluzzjoni mar-rikorrenti Farrugia - vide doks. TD3A, 3B u 3C. B'dawn il-proceduri rrizulta li l-Mepa rrakkomandat l-ewwel permess (bi pjanti li wara rrizulta li kienu foloz) kontra kull procedura ta' dak iz-zmien, tlett ijiem qabel l-applikazzjoni giet ippubblikata fil-gazzetta lokali u l-permess gie approvat fl-istess gurnata meta gie pubblikat - f'gurnata li kienet is-Sibt, meta l-ufficini tal-Awtorita jkunu maghluqin ghall-pubbliku!

11. Lanqas ma hu minnu li r-rikorrenti xtraw id-dar taghhom tas-Sliema minhabba l-allegati ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom, billi jirrizulta mill-atti li din id-dar kienet inxtrat fl-2001, meta kienu ghadhom ma ssejhux kjamati fil-kawza, fil-proceduri 2219/00LSO.

12. Fil-verita l-ilment tal-konjugi Farrugia jirrisolvi ruhu filli huma jippretendu li kellhom jithallew jaghmlu li jridu. Huwa ppretendew li setghu jibnu illegalment u bi hsara tad-drittijiet tal-esponent - girien taghhom - minhabba li r-rikorrent Raymond Farrugia huwa haten Austin Walker, ic-Chairman tal-Mepa ta' dak iz-zmien, u bil-kuntatti li kellhom mal-Ministru Jesmond Mugliett. L-istess rikorrenti b'kolluzjoni mal-ufficjali gholja tal-Awtorita ipprovaw ibezzghu lill-esponent b'akkuzi ta' rapporti foloz u lill-martu b'akkuzi ohra kriminali - tant li l-esponent kellu jiftah sahansitra kawzi ta' libel kriminali kontra Godwin Cassar, Direttur tal-Ippjanar, ohra civili kontra l-Awtorita, kif ukoll kawza kriminali kontra l-istess rikorrent Raymond Farrugia ghar-rapporti foloz kontra mart l-esponent. Dan kollu meta l-esponenti kien talab lill-pulizija biex jinvestigaw u jipprocedu kontra l-istess Raymond Farrugia fuq il-pjanti foloz - vide challenge Dr. Tony De Gaetano vs Kummissarju tal-Pulizija, deciza mill-Magistrat Hayman fit-12 ta' Jannar, 2005 - dok. TD4, kif ukoll dok. TD5 ittra tal-avukat JJ Vella li kien qed jidher kemm ghall-Awtorita, kif ukoll ghall-perit Godwn Cassar, Direttur tal-Ippjanar u indirettament ghal Raymond Farrugia.

13. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma f'kull kaz inammessibbli minhabba li fir-realta huma qed jippretendu li jigu protetti fit-tgawdija ta' bini illegali - vide ecf 889/00 - dok. TD6. Ir-rikorrenti konjugi Farrugia naqsu li jutilizzaw ir-rimedji ordinarji li kellhom disponibbli, billi jappellaw, jew jitolbu li jissanaw dak li kien sanabbli, u minflok ittentaw jahbu l-izvilupp b'aktar pjanti foloz. L-istess rikorrenti jittentaw jitfghu ghal darb'ohra dell ikrah fuq l-esponent billi jannettu zewg pagni minn xhieda ta' enforcemt officer Joseph Zammit - meta in realta jekk wiehed jaqra x-xhieda in toto, din turi stampa kompletament differenti - illi l-esponent bhal kull cittadin iehor ghamel talba biex jigu investigat zvilupp illegali li kien qed jirrekalu hsarat. - vide doks. hawn annessi TD7A sa TD7K.

14. Fil-fatt tant kien l-esponent il-vittma vera, li kellu jiftah kawza kontra l-Awtorita fejn ipprova li l-Awtorita ghamlet mis-en-scene kontrih, ikkonfermata fis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 2005 1556/01GV - dok. TD8A. Il-Qorti tal-appell ikkonfermat din id-decizjoni 2005/01/GV fit-28 ta' April, 2008, (dok. TDB) fejn ikkonfermat l-agir abbuziv tal-Awtorita fil-konfront tal-esponent. Fil-kawza tal-libell kriminali Pulizija vs perit Godwin Cassar deciz fis-7 ta' Dicembru, 2005 il-Qorti tal-Magistrati wkoll sabet favur l-esponent u kkonkludiet li kien gie ipprovat il-verita tal-fatti li huwa ma kien ghamel ebda rapporti foloz, inveritjeri jew inkorretti (dok. TD9). Fil-proceduri ta' libell kriminali iehor kontra l-perit Godwin Cassar, l-istess Godwin Cassar irtira r-rapporti li kien gie mgieghel jaghmel kontra l-esponent biex ibezzghuh - dok. TD10. Fi proceduri ohra Raymond Farrugia instab hati li ghamel rapporti ta' reati foloz kontra mart l-esponent Josette De Gaetano - dok. TD11 - fedina penali ta' Raymond Farrugia.

15. Kjarament il-pretensjoni tar-rikorrenti ghall-hlas ta' kumpens hija inammessibbli billi huwa inawdit li xi hadd jitlob kumpens dwar illegalitajiet kommessi minnu stess. Dan kien ukoll ir-ragonament tal-Ombudsman fuq rapport tar-rikorrent Farrugia kontra l-esponent u l-Awtorita, proceduri li l-esponent ma kienx informat bihom hlief wara li saru - vide il-korrispondenza immarkata dok. TD12A, B u C. L-Ombudsman kien ikkorrisponda maz-zewg persuni li kienu f'kolluzzjoni kontra l-esponent - Francis Tabone segretarju tac-Chairman u tal-Bord tal-Mepa u Raymond Farrugia (vide dok. TD12D

korrispondenza bejn l-istess rikorrent Raymond Farrugia u Francis Tabone). L-Ombudsman xorta wahda sab lill-esponent bla htija.

16. Ir-rikorrenti rikorrenti jirreferu wkoll ghall-mandat ta' inibizzjoni li gie milqugh kontra l-Awtorita fuq il-proceduri illegali tal-istess Awtorita, fejn jilmentaw li ma kinitx saret risposta ghalih. Ir-rikorrenti ma jghidux pero li l-istess ilment ghamluh mal-Ombudsman u gie michud. Ir-rikorrenti ma jsemmux li l-Awtorita kienet ghamlet rikors biex tattakka dan il-mandat, u li dan ir-rikors gie michud mill-Qorti fl-10 ta' Novembru, 2000.

17. Fuq kollox ir-rikorrenti ma utilizzawx l-aktar rimedju car li kellhom, u cjoe li jobdu l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq, jobdu d-decizjoni tal-Qorti u jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom. Assolutament mhijiex ammessibbli li xi hadd jitlob kumpens ta' hsara kawzata unikament bl-illegalita kontinwa taghhom stess.

18. L-akbar hsara f'din il-kwistjoni, kienet dik arrekata mir-rikorrenti lill-esponent u lil martu partikolarment il-hsara li gabu fil-karriera tal-esponent imcappsa tul dawn l-ahhar erbatax-il sena.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti u l-process tal-kawza 2219/00LSO fl-ismijiet Avukat Tony De Gaetano et vs Awtorita tal-Ippjanar u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2002 gew kjamati fil-kawza il-konjugi Raymond u Patricial Farrugia deciz fis-27 ta' Marzu 2014 u prezentement soggett ghal appell;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-lanjanza fil-mertu li waslet ghal din il-kawza kostituzzjonali hi bazata fuq id-dewmien li sehh fil-kawza imsemmija 2219/00 li giet deciza fl-2014. Din il-lanjanza hi maqsuma f'zewg fazijiet cioe d-dewmien inkors sakemm ir-rikorrenti konjugi Farrugia gew kjamati fl-imsemmija kawza u d-dewmien ta' kawzi tmien snin biex il-Qorti tat is-sentenza meta l-kawza kienet differita ghal dak l-iskop ghal dak iz-zmien wara l-gheluq tal-provi.

Ir-rikorrenti qed jallegaw kif gej:

1. Id-dewmien biex jigu kjamati fil-kawza 2219/00 li kienet taffettwahom b'mod dirett illedilhom id-dritt ghal procedura avversali taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-konvenzjoni;
2. It-trapass ta' seba' snin u fuqhom biex tinghata s-sentenza hu wiehed eccessiv u illeda d-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq a bazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;
3. Id-dewmien sabiex jigu decizi l-proceduri illeda d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprejta a bazi tal-artikolu 1 Protokoll I tal-Konvenzjoni;
4. Id-dewmien effettwa b'mod negattiv il-hajja privata u familjari tar-rikorrenti bi ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**Fatti**

Il-fatti fil-qosor jinsorgu minn dizgwid u kwistjonijiet konnessi ma' drittijiet ta' u fuq proprjeta bejn il-konjugi De Gaetano u l-konjugi Farrugia li ghandhom proprjeta biswit xulxin u fejn il-konjugi Farrugia ottjenew permess tal-Awtorita tal-Ippjanar ghal zvilupp fil-proprjeta taghhom. Minn hemm il-konjugi Farrugia u De Gaetano kellhom problem li ghadhom sejrin sallum bil-hrug ta' enforcement notice, mandat ta' inibizzjoni u kawzi ohra konnessi.

**Eccezzjoni li l-kawza kellha issir quddiem il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawza civili**

Din l-eccezzjoni hi bla mertu billi r-rikorrenti ghandu d-dritt jintavola kawza kostituzzjonali fil-mument li jidhirlu propizju basta li issir skond il-ligi. Jekk ghandux raguni o meno fil-mertu jew jekk kellux rimedji ohra li seta approfitta ruhu minnhom flok rimedju kostituzzjonali hi kwistjoni ohra.

**Eccezzjoni ta' nuqqas ta' locus standi tar-rikorrenti Kristian Farrugia**

Il-konvenuti jaghmlu din l-eccezzjoni naxxenti mill-fatt illi Kristian Farrugia qatt ma kien parti fil-proceduri tal-Qorti li waslu ghal ilment kostituzzjonali u anqas ma jidher li hu proprjetarju jew li jipposjedi l-fond li wassal ghal ksur lamentat

fit-tielet u raba allegazzjoni imsemmija aktar il-fuq fis-sentenza, u lanqas kien partecipi fil-kawza li setghet tat lok ghal xi ilment in kwantu t-tielet u raba allegazzjoni.

Jidher illi r-rikorrenti qed jibbazaw il-pretensjonijiet ta' Kristian Farrugia ghax ghandu jitqies bhala vittma ai termini tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Din tghid hekk:

> Article 34 – Individual applications
> The Court may receive applications from any person, non-governmental organisation or group of individuals claiming to be the victim of a violation by one of the High Contracting Parties of the rights set forth in the Convention or the protocols thereto. The High Contracting Parties undertake not to hinder in any way the effective exercise of this right.

L-intimat Dr. De Gaetano jissottometti illi r-rikorrenti Kristian Farrugia ma jistax jallacja l-pretensjoni tieghu a bazi tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea ghax tali artikolu jirreferi biss ghal proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, u ma jaghmel ebda ness bejn partijiet u membri tal-familja taghhom.

Din il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-intimat Dr. De Gaetano. Il-Kapitolu 319 dahhal bhala parti mill-Ligijiet ta' Malta numru sostanzjali ta' artikoli u protokolli fil-Konvenzjoni Ewropea fuq il-drittijiet tal-bniedem. Pero l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea mhux wiehed mill-artikoli applikabbli ghal finijiet tal-Kapitolu 319. Il-Konvenzjoni Ewropea mhix bhal regolamenti tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk mhix applikabbli direttament ghal Malta. La darba l-legislatur Malti eskluda l-applikazzjoni tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni mill-applikabilita ghal ligijiet Maltin li jidefinixxu u jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem, allura tali artikolu ma jistax jigi applikat biex il-Qrati Maltin jisimghu ilmenti minn persuni li ma humiex dawk li sofrew il-lezjoni skond l-artikolu 4 tal-Kap. 319 li ma tinkludix il-kuncett ta' 'vittma' bhala wiehed mill-persuni li tista' tivvanta lezjoni ta' drittijiet tal-bniedem skond il-kuncett Ewropew, kif definit fl-artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Ma hemm xejn li jeskludi l-fakulta lil tali persuna li tressaq l-ilment taghha quddiem l-ECHR izda mhux direttament fil-Qorti domestika.

**Allegat ksur taht l-artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni**

Ir-rikorrenti konjugi Farrugia qed jallegaw illi d-dewmien fil-proceduri illedew id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta taghhom li kellhom fil-Gudja.

L-artikolu rilevanti jghid hekk:

> Article 1 – Protection of property
> Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.
> The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties.

Dan l-artikolu fih tlett regoli. L-ewwel wiehed id-dritt tal-protezzjoni tal-proprjeta ghal kull persuna naturali jew legali. It-tieni element hu n-nuqqas ta' tehid tal-possedimenti sakemm mhux fl-interess pubbliku u soggett ghal kondizzjoni tal-ligi u principju tal-ligi internazzjonali. It-tielet regola tirrigwarda l-kontroll tal-uzu tal-proprjeta fl-interess generali jew biex tassigura hlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew penali.

Il-Qorti issibha difficli tifhem kif il-kawza 2210/2000 b'xi mod interferiet fid-dritt tal-proprjeta tar-rikorrenti. Dato non concesso li l-kawza damet biex inghalqet, il-kawza per se kienet tirrigwarda drittijiet ta' terzi fuq permess tal-izvilupp mahrug favur ir-rikorrenti fejn qed jigi vantat li l-permess inhareg irregolarment kif fil-fatt gie deciz bis-sentenza in Prim Istanza fis-27 ta' Marzu 2014 illum soggett ghall-appell. Fl-ebda hin u waqt din il-kawza jew sentenza ma interferiet jew imponiet restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta. Jekk ir-rikorrenti qed jirreferu ghal enforcement notice mahruga, il-lanjanza quddiem din il-Qorti hi marbuta mad-dewmien tal-kawza mhux mal-enforcement notice. L-istess jinghad ghal mandat ta' inibizzjoni. In ogni kaz f'kull fazi imsemmija, sia tal-enforcement u tal-inibizzjoni, jekk jinstab wara li jinqata' l-appell fil-kawzi, li l-konjugi De Gaetano ma kellhomx ragun, ir-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarji disponibbli li jistghu jezercitaw jekk jidhrilhom. Il-kawza li hi l-

fonti tal-ilment tar-rikorrenti la cahdet u anqas interferiet fid-dritt innifsu tat-tgawdija tal-proprjeta tar-rikorrenti u ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti taht dan l-artikolu hi bla bazi.

**Allegat ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

> Article 8 – Right to respect for private and family life
> Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.
> There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others.

Il-Qorti, ghall-istess ragunijiet imsemmija fil-lanjanza precedenti ma tifhimx kif il-kawza 2210/2000 b’xi mod illediet il-hajja privata tar-rikorrenti. Id-dritt ta’ persuna li tagixxi quddiem il-Qrati biex tivvanta dritt jew jigi radrizzat ilment kontra terz soggett ghal gurisdizzjoni tal-Qorti jinvolvi parti avversali li tista’ tigi inkomodata bl-istess proceduri kontriha pero dan ma jfissirx illi l-Qorti tkun qed tilledi dritt ghal hajja privata meta tisma, tikkunsidra u tiddeciedi kawza. Id-dritt fih innifsu jinkludi rispett lejn is sesswalita tal-persuna, l-integrita fizika u psikologika, u rispett lejn informazzjoni personali u konfidenzjali u d-dritt ghal privatezza personali. Dan id-dritt pero hu wiehed li jista’ jigi limitat legalment u f’bilanc strett bejn id-dritt tal-individwu u dak tal-komunita. Il-limitazzjonijiet iridu jkunu skond il-ligi, proporzjonati u intizi ghal skopijiet legittimi bhal sigurta nazzjonali, sigurta pubblika, prevenzjoni ta’ reati jew dizordni, protezzjoni ta’ sahha u morali u l-protezzjoni u drittijiet ta’ terzi.

Ir-rikorrenti jilmentaw illi t-tul tal-kawza zammithom milli jkomplu jizviluppaw il-fond taghhom skond il-ligi u kellhom ‘disruption’ fil-hajja privata taghhom. Din il-Qorti tqis illi l-iskop tal-ewwel parti tal-artikolu 8 koncernanti l-hajja privata bl-ebda mod ma tista’ tigi ekwiparata mal-fattispecie tal-kaz. Il-Qorti ma interferietx fil-hajja privata tar-rikorrenti. Anzi l-hajja privata tar-rikorrenti baqghet privata u l-vertenza ma kinitx bl-ebda mod intiza biex tinterferixxi f’tali aspett tal-hajja tar-rikorrenti. Kienet intiza biss biex jigi verifikat jekk permess mahrug min awtorita pubblika favur ir-rikorrenti kienx skond il-ligi o meno. L-

inkonvenjenza materjali tar-rikorrenti tul il-proceduri ma tistax titqies bhala vjolazzjoni tal-hajja privata li forsi giet skomodata izda mhux lesa.

In kwantu jekk il-kawza interferietx fil-hajja familjari tar-rikorrenti, din ukoll ma issibx konfort f'dak li ried il-legislatur. L-iskonfort familjari ma jistax jigi ekwiparat ma' vjolazzjoni tad-dritt ghal familja u hajja familjari. Din fl-ebda hin ma kien qed jigi mhedded jew imcahhad bil-proceduri civili quddiem il-Qorti. Altrimenti kull kawza tista' titqies bhala interferenza u pregudizzju ghal hajja familjari. Ma kien hemm ebda prova li l-hajja familjari kienet qed tigi vjolata b'xi mizuri li hadet il-Qorti.

Fi kwalunkwe kaz jekk jirrizulta mid-decizjoni finali tal-kawza li hi l-bazi ta' din il-vertenza, li l-intimati De Gaetano ma kellhomx raguni fil-kawza, allura r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju biex jindirizzaw l-iskonfort, id-disaggju u semmai kull telf patrimonjali li gie kawzat. Pero l-Qorti fil-kawza 2210/2000 ma tistax bl-ebda mod tinstab responsabbli li interferiet negattivament fil-hajja privata jew familjari tar-rikorrenti.

Fi kwalunkwe kaz kull skonfort u disaggir li seta' gie aggravat bil-lanjanzi ta' dewmien jista' jigi indirizzat bhala ilment kostituzzjonali u jigi assorbit fl-artikolu 6 li ser jigi trattat il-quddiem fejn jikkoncerna r-ragonevolezza taz-zmien biex tinghata sentenza.

**Allegat lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

> Article 6 – Right to a fair trial
> 1. In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law. Judgment shall be pronounced publicly but the press and public may be excluded from all or part of the trial in the interests of morals, public order or national security in a democratic society, where the interests of juveniles or the protection of the private life of the parties so require, or to the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice.

Din l-allegata lezjoni skond ir-rikorrenti konjugi Farrugia sehhet f'zewg fazijiet tal-kawza 2210/2000. L-ewwel lezjoni sehhet bid-dewmien biex jew kjamati in causa r-rikorrenti fil-proceduri bejn il-konjugi De Gaetano u l-MEPA. Bla dubbju l-Qorti tifhem li l-konjugi Farrugia kellhom interess dirett jippartecipaw f'dawn il-proceduri ghax kien jirrigwarda permess ta' zvilupp fil-proprjeta taghhom. Il-kawza inbdiet fid-29 ta' Settembru 2000 fejn saru zewg eccezzjonijiet preliminari mill-Awtorita, wahda dwar il-htiega li jigu kjamati l-konjugi Farrugia u l-ohra li l-atturi De Gaetano kellhom rimedji ohra disponibbli u dak mitlub ma kienx ammissibbli. Il-Qorti iddecidiet l-ahhar eccezzjoni qabel intratteniet l-eccezzjoni l-ohra tal-kjamat billi tali eccezzjoni, kieku fondata kienet tistronka l-kawza. Din l-eccezzjoni giet michud b'decizjoni tal-24 ta' Settembru 2001 wara li saru noti u l-kawza giet imhollija ghad-decizjoni preliminari b'digriet tas-7 ta' Mejju 2001 u r-rikorrenti gew kjamati in causa b'digriet tal-20 ta' Marzu 2002. Din il-Qorti ma tifhimx f'hiex tikkonsisti ezatt il-lanjanza tar-rikorrenti peress illi l-proceduri imxew b'mod regolari u mghaggel u kif giet deciza l-eccezzjoni preliminari, li setghet, kieku favorevoli ghal konvenuta Awtorita, stronkat il-kawza, gew kjamati r-rikorrenti. Il-provi kienu anqas inbdew u r-rikorrenti ma sofrew ebda pregudizzju ta' ebda natura inkluz dak ta' smigh xieraq u audi alteram partem. Ir-rikorrenti ma kellhom ebda ostakolu itellghu l-provi kollha li riedu tant li l-istess sentenza issemmi li l-process kien fih tlett volumi b'oltu elf pagna. In oltre l-istitut tal-kjamat in causa hu intiz ghall-integrita tal-gudizzju u sabiex jigu protetti d-drittijiet ta' smigh xieraq u audi alteram partem ghal min ghandu interess guridiku fil-vertenza, tant li l-Qorti stess tista' tordna l-kjamat in causa ex officio.

Il-lanjanza tar-rikorrenti mehuda minn kwalsiasi angolu mehuda hi fiergha.

Ir-rikorrenti jilmentaw minn dewmien esagerat u bla raguni biex tinghata s-sentenza li kienet ilha ghas-sentenza mill-24 ta' Ottubru 2006 u inghatat biss fl-2014.

Il-Qorti ma sebet ebda raguni ghal dan id-dewmien li ma jistax jinghata ebda gustifikazzjoni li ma tinstabx mill-atti tal-kawza. Dewmien ta' tmien snin hu dewmien mhix accettabbli u jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal

decizjoni fi zmien ragonevoli skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Maltija u tal-ECHR dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. B'danakollu l-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrenti kienu inerti quddiem id-differimenti ripetuti tal-Qorti biex taghti sentenza. Kellhom l-opportunita taht l-artikolu 195(5)(b) tal-Kap. 12 li dahal fis-sehh fl-2008 illi jitolbu l-bdil tal-gudikant jekk il-kawza tkun ilha pendenti ghal decizjoni bla ma tinghata ghal aktar minn tmintax-il xahar. Inspjegabilment ir-rikorrenti baqghu passivi u qed jilmentaw biss issa wara d-decizjoni tal-Prim Istanza li minnha huma stess appellaw. Mehudin flimkien dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ghandhom ragun f'dan l-ilment li wkoll kien zgur okkazzjoni ta' tbatija stressanti fuq il-hajja personali ta' kuljum. Pero huma wkoll bl-inerizja taghhom naqsu milli jiehdu mizuri disponibbli biex is-sentenza tinghata fi zmien iqsar. B'dankollu l-Qorti tqis li r-rikorrenti konjugi Farrugia ghandhom jinghataw kumpens morali ghad-dewmien biex tinghata sentenza fi zmien xieraq fl-ammont ta' €2,000.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet fuq indikati tiddikjara li Kristian Farrugia ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri, u tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti konjugi Farrugia fil-konfront tal-Avukat Generali biss ghax hu jirrispondi ghal tali lanjanzi u tikkundannah ihallas lil konjugi Farrugia s-somma ta' €2,000 bhala kumpens ghal vjolazzjoni, tichad it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti konjugi Farrugia. L-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti mill-konjugi Farrugia u kwart mill-Avukat Generali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur